# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 302/22/1 FDP**

**Skema ta' Kumpens lill-Investitur**

**v.**

**Jean Claud *sive* Jean Claude Bugeja u Hermione Borg gja Bugeja**

1. L-attriċi appellat mis-sentenza li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat fit-23 ta' Novembru 2023 u li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha sabiex tiddikjara n-nullità tal-ipoteki u drittijiet li ġew konċessi mill-konvenut Bugeja lill-konvenuta Borg fil-kuntratt tas-separazzjoni personali bejniethom tat-18 ta' Jannar 2016

minħabba li ssostni li ngħataw bi ksur tal-Ordni ta' Iffriżar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħarġet fis-17 ta' Settembru 2014.

**Preliminari**

2. Fil-qosor il-fatti li ppreċedew din il-kawża huma dawn:

2.1. Il-konvenut Jean Claude Bugeja kien id-direttur maniġerjali tal-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited li kellha liċenzja sabiex tagħti servizzi rigward investimenti;

2.2. Fis-7 ta' Awwissu tal-2014 l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") *inter alia* infurmat lill-pubbliku li l-liċenzja tal-imsemmija kumpanija ġiet sospiża u l-operat tagħha investigat. Ftit jiem wara avżat illi dik il-kumpanija kellha nuqqas materjali fl-assi tal-klijenti li jista' jkun intilfu[1];

2.3. Il-konvenuti, miżżewġa fid-29 ta' April 2000, bdew proċeduri ta' separazzjoni personali u, pendenti l-istess, fit-18 ta' Awwissu 2014 itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom[2];

[1] Fol. 9
[2] Fol. 59

2.4. Fis-17 ta' Settembru 2014, il-konvenut Jean Claude Bugeja tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, akkużat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita[3]. Dakinhar stess il-Qorti ħarġet ordni li bih ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lilu jew li huma proprjetà tiegħu u inibitu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xorta oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 5 kontra Money Laundering tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Awtorizzatu biss sabiex jiġbed is-somma permessa bil-Liġi (€13,976.24)[4];

2.5. Skont ma qalet l-attriċi fir-rikors tal-appell, il-proċeduri kriminali għadhom pendenti u hija ġiet ammessa fihom bħala *parte* ċivili;

2.6. Imbagħad permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 18 ta' Jannar 2016[5], l-istess konvenut ikkonċeda favur il-konvenuta, ġia martu:

i. ipoteka ġenerali għall-ammont ta' €263,000 fuq il-beni kollha tiegħu u kif ukoll ipoteka speċjali għall-istess ammont fuq

---

[3] Fol. 16 *et seq*.
[4] Fol. 24, 57
[5] Fol. 25 *et seq*.

appartament u garaxx parafernali tiegħu f'Mosta Road, San Pawl il-Baħar (klawsola numru 9)[6] liema ipoteki ġew iskritti fir-reġistru pubbliku[7]; u

ii. <u>id-dritt ta' użu u abitazzjoni</u> matul ħajjitha kollha, flimkien mażżewġ uliedha minuri, fi proprjetà parafernali oħra tal-konvenut, senjatament dik bin-numru 43, *'Windchimes'*, Triq il-Karmelitani, Santa Venera u l-garaxx *semi-basement* li jinsab faċċata tal-istess fond (klawsola numru 10)[8];

2.7. Fil-frattemp l-attriċi kellha tagħmel tajjeb għal parti mit-telf li sofrew il-klijenti tal-kumpanija <u>Maltese Cross Financial Services Limited.</u> Dan skont ir-Regolamenti għal Skema ta' Kumpens lill-Investituri (L.S. 370.09). Qalet li b'kollox ħallset €2,414,127.81 u li ġiet issurrogata fid-drittijiet tal-investituri minnha mħallsa[9];

2.8. Minn dik il-figura, l-attriċi rkuprat €33,275.50 mir-Riċevitur Uffiċjali tal-imsemmija kumpanija [10]. Kwantu għall-bilanċ ta' €2,380,852.31 l-attriċi fetħet kawża bin-numru 525/2021 GMG[11] (li preżentement tinsab pendenti għas-sentenza għas-26 ta' Settembru

[6] Fol. 27 *overleaf*
[7] Fol. 31
[8] Fol. 27 u 27 *overleaf*
[9] Fol. 11
[10] Fol. 11
[11] Fol. 8 *et seq.*

2024) u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tikkundanna lill-konvenut responsabbli sabiex iħallasha lura dawk id-danni.

3. Fis-7 ta' April 2022 l-attriċi ppreżentat din il-kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fiha ppremettiet:

> *"8. Illi ai termini tal-Artikolu 6 tal-Liġijiet ta' Malta kull ħaġa magħmulha bi ksur ta' ordni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta tkun nulla u bla effett fil-liġi, u għalhekk kemm l-ipoteka ġenerali u l-ipoteka speċjali mogħtija mill-konvenut, u kif ukoll id-dritt konċess lill-konvenuta ai termini tal-klawsola għaxra (10) tal-kuntratt fuq imsemmi huma nulli għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*
>
> *9. Illi l-attriċi għandha nteress tottjeni dikjarazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti illi dawn l-ipoteki u dan id-dritt konċess lill-konvenuta għal ħajjitha kollha huma nulli billi dawn jippreġudikaw il-posizzjoni tal-attriċi meta tiġi biex tenforza d-drittijiet tagħha kontra l-konvenut."*

4. Talbet għalhekk lill-Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ipoteka ġenerali għall-ammont ta' €263,000, l-ipoteka speċjali għall-ammont ta' €263,000 fuq l-appartament numru 5 fit-tielet sular u l-garage numru 10, formanti parti minn korp ta' bini f'Mosta Road, San Pawl il-Baħar, u kif ukoll id-dritt ta' użu u abitazzjoni *vita durante* fil-fond bin-numru 43, *'Windchimes'*, Triq il-Karmelitani, Santa Venera u l-garaxx *semi-basement* li jinsab faċċata tal-istess fond, liema ipoteki u drittijiet il-konvenut ikkonċeda lill-konvenuta ex-martu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-18 ta' Jannar 2016, ingħataw bi ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Settembru 2014 fil-

kumpilazzjoni numru 885/2014 fl-ismijiet '*Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) kontra Jean Claud Bugeja"*; u

(ii) tiddikjara li għalhekk dawk l-ipoteki u drittijiet huma nulli ai finijiet u effetti kollha tal-liġi;

(iii) tawtorizzaha tiskrivi s-sentenza tagħha fir-reġistru pubbliku;

(iv) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż.

5. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-27 ta' Ġunju 2022[12], il-konvenut Bugeja wieġeb:

> *"1. Illi fl-ewwel lok, dina l-kawża għandha tiġi konnessa mal-kawża l-oħra miftuħa mill-istess attriċi kontra l-esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta bin-numru 525/2021NC li hi differita għat-12 ta' Ottubru 2022, liema kawża tirrigwarda l-istess kwistjoni mertu ta' dina l-kawża u dan ai termini tal-artikli 792 u 793 tal-Kap. 12.*
>
> *2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tisma' din il-kawża minħabba nuqqas ta' kompetenza peress illi huwa ċar illi ai termini tal-artiklu 6 tal-Kap. 373 u l-artiklu 23A(2) tal-Kap. 9, hija dik il-qorti li ħarġet l-ordni ta' ffriżar li għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar il-mertu ta' din l-vertenza u m'hux dina l-Onorabbli Qorti.*
>
> *3. Illi fi kwalnnkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost, l-attriċi għandha turi li l-azzjoni tagħha odjerna ġiet debitament awtorizzata mill-organu kompetenti.*
>
> *4. Illi subordinatament u bla preġudizzju ukoll għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għal aħħar kif jidher ċar mid-disa' (9) premessa tal-azzjoni attriċi għaliex m'hux biss m'hemm l-ebda kundanna ta' natura penali fil-konfront tal-esponenti jew konfiska tal-*

[12] Fol. 39

> *beni de quo, imma ġjaladarba tali beni palesement ma ġewx f'idejn l-esponenti bħala riżultat ta' attività kriminali, l-esponenti dejjem għandu r-rimedju kkontemplat fl-artiklu 7 tal-Kap. 373 fl-eventwalità illi tali konfiska tiġi ordnata.*
>
> *5. Illi jsegwi ukoll minn tali premessa, illi llum, l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku illi tintavola l-azzjoni odjerna u għaldaqstant, l-esponenti għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *6. Illi fil-mertu jrid jingħad illi d-drittijiet reali li qed jiġu mpunjati ġew kostitwiti bħala riżultat tas-seperazzjoni personali bejn iż-żewġ konvenuti odjerni u dana bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja kif jidher ċar mill-kuntratt ta' separazzjoni personali esibit mill-istess attriċi bħala Dok. "D". Illi fi kwalunkwe każ il-beni de quo baqgħu proprjetà tal-esponenti u kwalunkwe eventwali preġudizzju lill-attriċi hu ferm limitat.*
>
> *7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

6. Permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fis-16 ta' Settembru 2022[13] il-konvenuta Borg wieġbet:

> *"1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza tisma' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi stante kwalunkwe talba fir-rigward l-ordni tal-iffriżar tista' ssir biss quddiem dik l-qorti li tkun ħarġet tali ordni ta' l-iffriżar fil-konfront tal-intimat Jean Claude Bugeja, u ċioe l-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi m'għandha ebda locus standi sabiex tressaq din il-kawża de quo stante hija biss il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-ordni ta' l-iffriżar, u ċioe l-prosekuzzjoni, li għandha l-interess u s-setgħa skont il-liġi li tressaq kwalunkwe talba f'dan ir-rigward quddiem il-qorti kompetenti skont il-liġi, biex b'hekk l-esponenti għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għal aħħar billi ordni għall-iffriżar hija miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-ordni u liema proċeduri għadhom pendenti mingħajr ebda kundanna ta' natura penali fil-konfront tal-intimat Jean Claude Bugeja wisq anqas konfiska tal-beni mertu tal-kawża biex b'hekk, ma hemm ebda dissipazzjoni tal-assi u ma hemm ebda preġudizzju soffert mill-attriċi;*

[13] Fol. 45 *et seq.*

> *4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ordni għall-iffriżar mhuwiex intiż sabiex jiġi ssalvagwardjat dritt ta' terz, bħall-attriċi, biex hi tkun tista' sussegwentement teżegwixxi kontra l-assi suġġetti għall-ordni fil-każ li tikseb sentenza a favur tagħha (b'referenza għall-kawża quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Skema tal-Kumpens lill-Investituri vs Jean Claude Bugeja, Rikors Numru 525/2021NC). Illi l-għan ta' Ordni ta' Iffrizar huwa sabiex l-assi li jirriżulta li l-provenjenza u l-użu tagħhom jkunu ġejjin minn attivita' kriminali jiġu ffriżati u ttrattati skond il-liġi;*
>
> *5. Illi ukoll subordinatament, it-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi ma hemm ebda restrizzjoni kemm ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt l-ordni tal-iffriżar, li tipprekludi l-esponenti milli tagħmel użu skont il-kuntratt ta' seperazzjoni għall-abitazzjoni tagħha u tat-tfal ġewwa d-dar preċedentement matrimonjali bl-isem "Windchimes" fi Triq Karmelitani Santa Venera;*
>
> *6. Illi in oltre, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez billi ma hemm ebda ksur tal-ordni kif allegat mill-attriċi billi id-drittijiet reali ġew kostitwiti taħt seperazzjoni personali bejn iż-żewġ intimati odjerni taħt l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja;*
>
> *7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi."*

7. Fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti[14] u fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2023 il-partijiet ingħataw terminu sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonjiet[15].

8. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2023 ["is-sentenza appellata"], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> ***"Tilqa'*** *t-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat Jean Claude Bugeja kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Hermione Borg u għalhekk:*
>
> ***Tiddeklina*** *milli tkompli tqis il-kawża odjerna stante illi ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur tal-Ordni tal-Iffriżar*

---

[14] Fol. 49
[15] Fol. 63

*datata 17 ta' Settembru 2014 maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.*

***Il-kawża giet deċiża.***

***Kull parti** għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha."*

9. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

*"16. Jirriżulta illi permezz tat-tieni eċċezzjoni ta' Jean Claude Bugeja, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni ta' Hermione Borg, l-intimati insistew illi dina l-Qorti ma kinetx kompetenti sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni mqajjma mir-rikorrenti peress illi, fi kliem l-intimat Jean Claude Bugeja " huwa ċar illi ai termini tal-artiklu 6 tal-Kap. 373 u l-artiklu 23A(2) tal-Kap. 9, hija dik il-qorti li ħarġet l-ordni ta' ffriżar li għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar il-mertu ta' din l-vertenza u m'hux dina l-Onorabbli Qorti".*

*...*

*19. Kif ġie osservat aktar 'il fuq, it-talba tal-Iskema rikorrenti hija intrinsikament sabiex jiġi dikjarat li Ipoteka Ġenerali kif ukoll Ipoteka Speċjali mogħtija minn Jean Claude Bugeja lil ex-martu Hermione Borg fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Jannar 2016 kienu nulli u bla effett peress illi kienu projbiti b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja datata 17 ta' Settembru 2014 u saru bi ksur ta' tali Ordni tal-Iffriżar.*

*20. Jirriżulta, għalhekk, illi l-bażi tal-azzjoni kollha hija d-digriet tas-17 ta' Settembru 2014 maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.*

*21. Jirriżulta illi b'digriet tas-17 ta' Settembru 2016 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott Doreen Clarke LL.D.) Kumpilazzjoni nrumru 885/2014 fil-kawża fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spett Abdilla) vs Jean Claude Bugeja'**, il-Qorti:*

> *"Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lill Jean Claude Bugeja jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xorta oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 kontra Money Laundering tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Awtorizzat lil Jean Claude Bugeja sabiex jiġbed biss is-somma permess mill-Liġi, jiġifieri dik annwali ta' tlettax-il elf disa mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24).*"

22. *Jirriżulta illi l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat Att kontra Money Laundering, jipprovdi dan li ġej:*

*"(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-Qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide uli jkunu saru qabel majkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu –*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*

*(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*"

23. *Jirriżulta ili, sussegwentement l-Artikolu 6 tal-istess Kap 373 jipprovdi dan li gej:*

*"Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-qorti msemmi fl-artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew għal priġunerija għal żmien li ma jeċċedix tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u kull ħaġa hekk magħmula bi ksur ta' ordni tal-qorti bħal dik tkun nulla u bla effett*

> *fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."*

*24. Jirriżulta illi l-intimati Bugeja jikkontendu illi l-Artikolu 6 tal-Kap 373 fuq ċitat jippresupponi li persuna trid tinstab ħatja ta' reat ta' ksur ta' "ordni tal-Qorti" sabiex sussegwentement kull ħaġa magħmula bi ksur tal-ordni titqies bħala "nulla u bla effett fil-liġi".*

*25. L-abbli difiża ta' l-intimata Hermione Borg tkompli billi tgħid illi, a tenur tal-Artikolu (2A) (a) tal-Kap 372:*

> *"Kull persuna li tiġi akkużata b'reat ta' money laundering taħt dan l-Att għandha tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont ma l-Avukat Ġenerali jista' jordna, u tista' teħel jekk tinsab ħatja –*
>
> *(i) mill-Qorti Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tmintax-il sena, jew multa ta'mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux iżjed minn żewġ miljuni u ħames mitt elf euro (€2,500,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; jew*
>
> *(ii) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-piena ta'priġunerija għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn disa' snin, jew multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) iżda mhux iżjed minn mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien."*

*26. L-intimati għalhekk jikkontendu illi, la darba l-Liġi ċarament tindika l-Qorti illi għandha tissindika l-aġir ta' l-intimati stess, li abbażi tagħha l-Iskema rikorrenti qiegħda tniedi l-azzjoni odjerna, hija biss il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati, skond in-natura tal-akkuża oriġinali, għalhekk huma biss dawn il-Qrati illi għandhom iqisu u jiddeċiedu jekk kienx hemm ksur tal-Ordni tal-Iffriżar minnha maħruġ u għalhekk, jekk kull att illi jkun sar kienx null u bla effett.*

*27. L-Iskema rikorrenti, da parte tagħha, tramite s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tagħha, tikkontendi illi l-ksur tal-ordni tal-iffriżar iġġib magħha żewġ konsegwenzi, ossija waħda ta' indole kriminali, fejn min jinsab li jikser tali ordni jista jeħel piena ta' ħabs sa tnax-il xahar kif ukoll multa ta' €11,646.87 jew waħda minnhom, u oħra ta' indole ċivili, fejn l-azzjoni illegali illi tkun saret titqies bħala nulla u bla effett.*

*28. L-Iskema rikorrenti, għalhekk, tinsisti illi dawna ż-żewġ konsegwenzi legali huma separati u distinti minn xulxin u kien għalhekk illi hija pproċediet quddiem din tal-Qorti sabiex l-azzjonijiet illegali ta' l-intimati jiħu dikjarati nulli u bla effett.*

*29. In sostenn ta' dan, l-Iskema rikorrenti tagħmel referenza għall-artikolu 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili, illi jgħidu dan li ġej:*

> *"987. L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.*
>
> *990. Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku."*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*30. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-allegat ksur da' parte ta' l-intimati kif indikat mill-Iskema rikorrenti, hija dik illi Jean Claude Bugeja kiser l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' Settembru 2014 meta għamel żewġ Ipoteki a favur ta' martu fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

*31. Jirriżulta, għalhekk, illi l-punto di partenza ta' kwalsiasi konsiderazzjoni ta' dina l-Qorti fuq it-talba rikorrent hija proprju tali Ordni, li dina l-Qorti ġia rriproduċiet aktar 'il fuq fil-para 21.*

*32. Jirriżulta mhux ikkontestat b'ebda mod, illi tali ordni inħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dana għalhekk ifisser illi kwalsiasi konsiderazzjoni illi tista' qatt issir dwar jekk tali ordni ġietx vjolata jew le għandha ssir esklussivament mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew inkella mill-Qorti Kriminali – ertament ebda konsiderazzjoni ma tista' ssir minn dina l-Qorti kif komposta, ossija il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

*33. Jirriżulta wkoll illi n-nullita' o meno ta' kwalsiasi azzjoni illi setgħu għamlu l-intimati, inkluż l-għoti tal-Ipoteka Ġenerali u l-Ipoteka Speċjali minn Jean Claude Bugeja lil Hermione Bugeja fit-18 ta' Settembru 2016, tirrikjedi ta' bilfors stħarriġ dwar jekk attwalment l-ordni maħruġ fis-17 ta' Settembru 2014 kienx attwalment miksur jew le.*

*34. Dana qiegħed jingħad, għax in-nullita ta' l-atti indikati mir-rikorrenti tista' tirriżulta <u>biss</u> la darba jiġi stabbilit illi kien hemm ksur tal-Ordni tal-Iffriżar. Mingħajr dikjarazzjoni ta' ksur tal-Ordni tal-Iffriżar, ma jista' qatt jiġi dikjarat illi att magħmul "in ksur" tal-ordni tal-iffriżar huwa null, kif qiegħda tintalab tagħmel dina l-Qorti.*

*35. Dana qieghed jingħad ukoll għax jaf ikun hemm sitwazzjoni fejn din il-Qorti tiddikjara illi l-atti huma nulli peress illi l-Ordni tal-Iffriżar ġie miksur filwaqt illi l-Qorti tal-Maġistrati jew Qorti Kriminali tqis illi ma kien hemm ebda ksur tal-Ordni tal-Iffriżar.*

*36. Għalhekk, huwa ovvju li, sabiex l-att illi r-rikorrenti trid tinpunja jiġi attwalment dikjarat null, ikun irid jiġi dikjarat illi l-intimati, jew min minnhom, kisru l-Ordni tal-Iffriżar – u dana jista' jsir biss mill-Qorti tal-Maġistrati jew Qorti Kriminali, u minn ebda Qorti oħra.*

> *37. Dana qed jingħad ukoll, għax kieku din il-Qorti kellha tipproċedi biex tikkunsidra favorevolment it-talba tar-rikorrenti, hija tkun qiegħda tasal ukoll għall-konklużjoni illi kien hemm ksur tal-Ordni tal-Iffriżar tas-17 ta' Settembru 2014, liema deċiżjoni, madanakollu, tispetta esklussivament lill-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali, u mhux din il-Qorti kif komposta.*
>
> *38. Għaldaqstant, mingħajr dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti Kriminali illi l-Ordni tal-Iffriżar tas-17 ta' Settembru 2014 ġie miksur, dina l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni illi tqis jekk l-atti illi l-Iskema rikorrenti qiegħda timpunja humiex attwalment nulli jew le – dana jista' jsir BISS la darba jiġi dikjarat illi hemm vjolazzjoni tal-Ordni tal-Iffriżar.*
>
> *39. La darba il-Qorti ma hijiex fil-pussess ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali illi kien hemm ksur tal-Ordni tal-Iffriżar tas-17 ta' Settembru 2014 u ladarba ma jidhirx illi qatt saret xi talba quddiem il-Qrati fuq indikati, ċertament ma hijiex ser tkun din il-Qorti illi tiddikjara li kien hemm ksur ta' tali ordni, stante illi ma taqax fil-kompetenzi tagħha.*
>
> *40. Għalhekk, id-difiża imqajjma mill-intimati kif fuq aħjar indikat, li dina l-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi jekk l-Ordni tal-Iffriżar ġiex miksur jew le, hija waħda illi timmerita illi tiġi kkunsidrata favorevolment.*
>
> ***Konsiderazzjonijiet ulterjuri***
>
> *41. Il-Qorti tirrileva illi, kif indikat aktar 'l fuq fil-para 17, l-intimati qajjmu wkoll eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri.*
>
> *42. Il-Qorti, madanakollu, tirrileva illi la darba hija qieset favorevolment l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, ikun superfluwu ili dina l-Qorti tinoltra ruħha aktar fl-eċċezzjonijiet l-oħra, u għalhekk ser tastjeni milli tikkunsidrahom aktar."*

10. Fl-14 ta' Diċembru 2023 l-attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell in kwistjoni u talbet lil din il-Qorti <u>tirrevoka</u> s-sentenza appellata u:

> *"minflok tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Jean Claud Bugeja kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Hermione Borg dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġu trattati u deċiżi t-talbiet tal-Iskema appellanti u l-eċċezzjonijiet oħra tal-konvenuti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati."*

11. Permezz tat-tweġibiet rispettivi tagħhom il-konvenuti wieġbu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**L-Aggravju**

12. L-appellanti tisħaq illi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, għandha l-kompetenza tisma' din il-kawża ċivili. Tilmenta li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-ewwel grad insiet żewġ prinċipji bażiċi u ċjoè:

12.1. Illi skont l-Artikolu 3(1) tal-Kodiċi Kriminali '*kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili'*, li huma indipendenti minn xulxin. F'dan ir-rigward targumenta illi:

i. *in linea* mal-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 3(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 6 tal-Kap. 373 jipprovdi kemm għal konsegwenza kriminali u kif ukoll għal konsegwenza ċivili f'każ ta' ksur ta' ordni ta' ffriżar;

ii. indipendentement mill-aspett tar-reat kriminali, ksur ta' ordni ta' ffriżar iġib miegħu konsegwenzi ċivili u nullità *ex lege* fuq dak kollu li jsir bi ksur ta' dak l-ordni mhux biss a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap.

373, iżda ukoll skont l-Artikoli 987 u 991 tal-Kap. 16 għaliex dik l-obbligazzjoni tkun saret fuq kawża illeċita;

iii. f'din l-azzjoni ċivili l-kwistjoni ta' jekk il-konvenuti kisrux l-ordni tal-iffriżar hija sempliċement kostatazzjoni ta' fatt li għandha s-setgħa tagħmel il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dan fuq grad ta' prova *on the balance of probabilities.* Kwistjoni indipendenti mill-kostatazzjoni ta' ħtija *o meno* għar-reat spettanti lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali fejn il-grad ta' prova jkun dak *beyond reasonable doubt*. Fil-fatt, mhuwiex insolitu li qorti ċivili u qorti kriminali jaslu għal konklużjoni differenti dwar l-istess fatt (bħal f'każ ta' inċident ta' traffiku fejn, rigward l-istess fatt, qorti ċivili tista' ssib li kien hemm negliġenza u tagħti d-danni ċivili filwaqt li qorti kriminali teħles lill-imputat minn kull responsabbilità kriminali);

iv. l-eżerċizzju tal-azzjoni ċivili ma jiddependix minn jekk l-Istat eżerċitax l-azzjoni kriminali u wisq anqas minn jekk ġja instabitx ħtija mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Il-kompetenza riżervata għall-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali hija biss għar-rigward jekk hemmx reat u l-liġi mkien ma tgħid li l-azzjoni ċivili ma tistax tiġi eżerċitata qabel mal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ssib lill-imputat ħati tar-reat. Anzi, l-liġi timponi n-nullità ċivili *ex lege* bħala konsegwenza separata mir-reat u l-piena li jġib miegħu;

v. bħal f'każ ta' inċident ta' traffiku jew f'każ ta' evażjoni fiskali, f'dan il-każ hemm reat konsistenti fi ksur tal-ordni ta' ffriżar li jagħti lok għal azzjoni kriminali u kif ukoll konsegwenza ċivili li tagħti lok għal azzjoni ċivili bħal dik mertu tal-kawża fejn it-talba hija limitata għal kostatazzjoni ta' fatt u dikjarazzjoni ta' nullità ta' obbligazzjonijiet ċivili milquta minn kawża illeċita, kwistjoni li l-qrati kriminali m'għandhom l-ebda kompetenza dwarha; u

12.2. Illi l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq it-termini tat-talba attriċi billi huwa l-att promotur li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' każ. Tgħid li f'dan il-każ hija talbet in-nullità ta' ipoteka ġenerali, ipoteka speċjali fuq proprjetà immobbli parafernali tal-konvenut u nullità ta' dritt ta' abitazzjoni konċess mill-konvenut fuq proprjetà oħra parafernali tiegħu, liema talbiet bla dubju jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk dik il-Qorti qatt ma kellha tiddeklina milli tisma' din il-kawża. Dan ukoll skont l-Artikolu 32(2) tal-Kap. 12.

13. Permezz ta' risposta ppreżentata fl-14 ta' Frar 2024 il-konvenut Bugeja wieġeb illi l-appell tal-iskema tal-investitur huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt għaliex:

- Hu prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni jridu jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri. F'dan il-kuntest isostni li r-rikors promutur ma jagħmel ebda referenza għall-Artikoli 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili. Jagħmel biss referenza għall-Artikolu 6 tal-Kap. 373 li jirreferi għal persuna li *"tinsab ħatja"* li tkun marret kontra ordni ta' ffriżar maħruġ kontriha, kwistjoni li tispetta qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kemm taħt dak l-artikolu u kif ukoll taħt l-Artikolu 370 tal-Kap. 9;

- Mhux konċess li f'dan l-istadju l-appellanta tbiddel il-kawżali u kieku huwa kien jaf li l-azzjoni tal-appellanti kienet waħda ta' kawża lleċita kien jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1224 tal-Kap. 16;

- L-azzjoni ċivili li tispetta lill-appellanti hija biss waħda għad-danni fl-isfond ta' proċeduri penali;

- Huma biss il-qrati ta' kompetenza kriminali li jistgħu jagħtu dawk is-sanzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 6 tal-Kap.373, inkluż il-konsegwenza tan-nullità tal-atti mpunjati. Argument imsaħħaħ b' paragrafu 40 tal-preambolu tad-Direttiva 2014/42/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea; u

- Ordni ta' ffriżar hija miżura kawtelatorja u temporjanja ntiża biex tippreserva l-proprjetà sal-eventwali konfiska jew radd lura, skont dak

deċiż fis-sentenza tal-Qorti ta' kompetenza kriminali. Qabel ma jispiċċa l-proċess penali l-qrati ċivili ma jiffigurawx.

14. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-26 ta' Marzu 2024 il-konvenuta Borg ukoll wieġbet illi l-aggravju tal-Iskema appellanti huwa legalment żbaljat. Filwaqt li tisħaq li l-ordni ta' ffriżar in kwistjoni ma ħariġx kontriha, issostni li l-argument tal-appellanti jippreżupponi l-eżistenza ta' reat, li f'dan il-każ m'hemmx. Iżżid ukoll illi, skont l-artikoli nvokati mill-attriċi stess fir-rikors promotur, dikjarazzjoni dwar ksur *o meno* ta' ordni ta' ffriżar tispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li u hija biss dik il-Qorti li tista' tiddeċiedi jekk hemmx lok għal sanzjoni taħt l-Artikolu 6 tal-Kap. 373. Tirreferi ukoll għall-fatt li l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 kif sostitwit bl-Att VI tal-2024 neħħa r-referenza għal-projbizzjoni ta' trasferiment permezz ta' ipoteka, u targumenta illi l-fatt li konfiska m'għadhiex awtomatika jagħmilha ċara li l-leġislatur ħass li dik il-projbizzjoni *ex lege* hija wisq drakonjana. Tirreferi mbgħad għall-Artikolu 36(3)(a) tal-Kap. 621 li llum jagħti lill-Qorti li tkun ħarġet l-ordni ta' ffriżar il-possibilità li tvarjah, anke fuq talba ta' terz li jkun qiegħed isofri preġudizzju – iżżid però li dan mhux il-każ tal-attriċi appellanti billi attwalment m'hemmx ordni ta' ħlas favuriha. Il-konvenuta Borg tgħid li l-motivazzjoni tal-appellanti b'din il-kawża hija li tuża l-ordni ta' ffriżar sabiex tissalvagwardja dritt futur kemm-il darba tikseb sentenza favuriha fil-proċeduri 525/2021 GMG. Aġir li skontha huwa abbużiv u lleċitu billi, fin-natura tiegħu, ordni ta' ffriżar huwa miżura

kawtelatorja sabiex żżomm milli jiġu trasferiti l-assi li setgħu dderivaw minn ħasil tal-flus u mhux biex terz jikkawtela xi dritt ċivili għal finijiet ta' sentenza ġuridika. Iżżid li jekk kemm-il darba l-appellanti tħoss li jekk ikun hemm konfiska din tirrekalha preġudizzju, ir-rimedju spettanti lilha huwa wieħed għad-danni. Kwantu għall-argument ibbażat fuq l-Artikoli 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta Borg tgħid li dan sar għall-ewwel darba fl-appell in risposta u li, apparti li mhux ammissibbli li l-appellanti tqajjem premessi ġodda f'dan l-istadju, in-nullità a bażi ta' kawża lleċita li ġġib ir-rexissjoni tista' titqajjem biss minn persuna li tkun ġiet imħarrka għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt u mhux minn terz li jista' jsofri eventwali preġudizzju.

**Konsiderazzjonijiet**

15. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza Carmelo Ellul et v. AX Hotel Operations Limited et tal-21 ta' Mejju 2024 fejn din il-Qorti qalet:

> *"14. Fis-sistema ġuridiku tagħna l-attur għandu prattikament libertà assoluta dwar ix-xorta ta' kawża li jrid jadixxi l-qorti biha. Għalhekk ix-xejra tal-azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti attriċi li tressaqha u hija determinata mill-għamla tal-azzjoni hekk magħżula u mit-talbiet magħmula. (**Nutar Dr. Charles Vella Zarb v. Anna Vella - Prim'Awla - 8 ta' Frar, 2006**). Għażla libera li ġiet diversi drabi rikonoxxuta fil-ġurisprudenza patria.*
>
> *15. Il-prinċipji interpretattivi għall-identifikazzjoni tax-xorta ta' azzjoni ġew elokwentement miġbura fis-sentenza **Marija Baldacchino et. v. Carmelo Grima et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 1997:*

> *"L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746]. .... Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. [Vol.lXXXV.II.776]".*

> *16. Ix-xorta u n-natura tal-azzjoni attriċi għandha neċessarjament tinstilet mill-att promotur. Kjarifika fil-mori ma tista' qatt tbiddel l-azzjoni kif imressqa fl-att promotur. (ara* ***Raymond Bezzina v. Anthony Galea*** *– Appell Superjuri - 30 ta' Marzu, 1998;* ***Vincent Ciappara et. v. Nazzareno sive Reno Bartolo et.*** *– Appell Superjuri – 15 ta Novembru, 2023).*

> *17. Il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula. Kif inżamm fis-sentenza* ***Noel Calleja et. v. Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2010 " ... mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni."*

16. F'dan il-każ, fir-rikors promotur l-attriċi ppremettiet illi fis-sena 2021 fetħet il-kawża 525/2021 sabiex tirkupra s-somma ta' €2,380,852.31 mingħand il-konvenut Bugeja. Somma li tirrappreżenta bilanċ minn somma akbar li ħalset lill-klijenti tal-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 370.09 rappreżentanti telf u danni minnhom sofferti minħabbba allegat aġir kriminali ta' Bugeja fiż-żmien meta huwa kien direttur tagħha. Tgħid imbagħad li fetħet din il-kawża għaliex għandha interess tottjeni dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi l-ipoteka ġenerali, l-ipoteka speċjali fuq l-appartament numru 5 fit-tielet sular u l-*garage* numru 10, formanti parti minn korp ta' bini f'Mosta Road, San Pawl il-Baħar, u d-dritt ta' użu u abitazzjoni *vita durante* fil-fond bin-numru 43, *'Windchimes'*, Triq il-Karmelitani, Santa Venera u l-garaxx *semi-basement* li jinsab faċċata tal-istess fond, li l-konvenut ta lil martu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fit-18 ta' Jannar 2016

huma nulli in kwantu saru bi ksur ta' ordni ta' ffriżar maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja permezz ta' digriet tas-17 ta' Settembru 2014 fil-kumpilazzjoni numru 885/2014 fl-ismijiet *'Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) vs. Jean Claud Bugeja'*.

17. Il-bażi tal-argument tagħha jinsab fil-premessa numru 8 fejn tgħid illi:

> *"**ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kull ħaġa magħmula bi ksur ta' ordni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta tkun nulla u bla effett fil-liġi**."*

18. Iżżid li hija għandha interess tottjeni dikjarazzjoni bħal dik għaliex l-ipoteki u drittijiet in kwistjoni:

> *"jippreġudikaw il-posizzjoni tal-attriċi meta tiġi biex tenforza d-drittijiet tagħha kontra l-konvenut."*[16]

19. Fl-att promotur ma jissemmewx artikoli tal-liġi oħra. Sussegwentement, fin-nota ta' sottomissjonijiet rabtet l-Artikolu 6 tal-Kap. 373 mal-Artikoli 987 sa 991 tal-Kodiċi Ċivili u sostniet li f'kull każ obbligazzjoni ċivili naxxenti minn kawża illeċita m'għandha ebda effett. F'dik in-nota żiedet tirreferi ukoll għall-Artikolu 32(2) tal-Kap.12 li jagħti lill-Qorti Ċivili l-kompetenza taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom.

[16] Premessa numru 9

20. Għalhekk hu evidenti li bil-kawża tal-lum l-attriċi qiegħda timpunja dak li sar bil-kuntratt ta' separazzjoni li ffirmaw il-konvenuti. L-attriċi għandha interess li timpunja dak li sar mill-konvenut Bugeja bil-kuntratt ta' separazzjoni peress li għandha pretensjoni kontrieh għad-danni li tgħid li sofriet bil-ħlas li għamlet lill-investituri skont ir-Regolamenti għal Skema ta' Kumpens lill-Investituri (L.S. 370.09). L-għan aħħari tagħha hu li jitħassru l-garanziji li l-konvenut ta lil martu u l-jedd ta' abitazzjoni li ta fir-rigward ta' appartament.

21. Madankollu, għażlet li tibbaża l-kawża fuq il-premessa li l-konvenut kiser l-ordni ta' ffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja minflok per eżempju tipproponi l-*actio pauliana*. Fil-fatt fl-ewwel talba talbet dikjarazzjoni li l-konvenut kiser l-ordni ta' iffriżar maħruġa fl-14 ta' Settembru 2014.

22. L-ordni tal-iffriżar hi miżura temporanja sabiex biha jiġi żgurat *inter alia* li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-qligħ minn reati ma jitgawdiex mill-ħati. Dak li eventwalment iwassal għall-konfiska ta' proprjetà. Ma jirriżultax li l-għan wara l-ordni tal-iffriżar hu biex isservi bħala garanzija għad-debituri tal-imputat.

23. L-Artikolu 6 tal-Kap 373 jipprovdi illi:

> *"Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-qorti msemmi fl-artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux*

> *iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew għal priġunerija għal żmien li ma jeċċedix tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u kull ħaġa hekk magħmula bi ksur ta' ordni tal-qorti bħal dik tkun nulla u bla effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."*

24. Mir-rikors maħluf hu evidenti li n-nullità allegata mill-attriċi hija marbuta mad-dispost tal-Artikolu 6 tal-Kap. 373 u mhux ukoll tal-Artikoli 987 sa 991 tal-Kodiċi Ċivili. Verament li fejn tirriżulta kawża illeċita, in-nullità tista' tiġi sollevata ukoll mill-Qorti *ex officio*[17].

25. L-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tas-17 ta' Settembru 2016 fil-każ fl-ismijiet *'Il-Pulizija (Spett Abdilla) vs Jean Claude Bugeja'* (Kumpilazzjoni numru 885/2014), permezz ta' liema l-konvenut Bugeja ġie pprojbit milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xorta oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, inħareġ *ai termini* l-Artikolu 5 tal-Kap 373 u kif ukoll a tenur tal-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9[18].

26. Jibqa' l-fatt li l-ordni ta' ffriżar inħarġet minn qorti ta' kompetenza kriminali. Sabiex l-attriċi tirnexxi fil-kawża li għażlet li tiftaħ, hemm bżonn ta' dikjarazzjoni li b'dak li għamel il-konvenut kiser l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fil-fatt dak hu li talbet l-attriċi fl-

---

[17] *Angelo u Josephine konjugi Spiteri pro et noe v. Andrew u Anna Ursola konjugi Cilia et* deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2016.
[18] Fol. 24

aħħar parti tal-ewwel talba tar-rikors maħluf. Mingħajr dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-ordni tal-iffriżar, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi. Dikjarazzjoni bħal dik tista' tingħata mill-Qorti li ħarġet l-ordni. L-Art. 6 tal-Kap. 373 stess jipprovdi li ksur ta' ordni ta' ffriżar hu reat u li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti *"..... tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti"*. Dan pjuttost jagħti lill-Qorti x'tifhem li hi l-qorti ta' kompetenza kriminali li għandha l-kompetenza esklussiva fil-materja. Dan jagħmel iktar sens meta tikkunsidra li l-għan ta' ordni ta' ffriżar hu sabiex jiżgura li l-proprjetà li tista' tkun soġġetta għall-konfiska ma tinħebiex mill-imputat, u lanqas ma tiġi trasferita jew mgħobbija bid-dejn. Inoltre, dan mhuwiex każ fejn ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenut u hemm dikjarazzjoni ta' ħtija li kiser l-ordni ta' ffriżar.

27. Kuntrarjament għall-analoġiji li tagħmel l-appellanti, l-allegat ksur tal-ordni tal-iffriżar mhux sempliċi 'fatt' li jista' jiġi determinat irrispettivament mill-azzjoni kriminali, bħal meta wieħed ikun negliġenti fis-sewqan jew ikun evada t-taxxa. Hi ordni li tinħareġ fuq talba tal-prosekuzzjoni u kif spjegat l-għan tagħha hu li l-proprjetà soġġetta għall-konfiska, f'każ ta' sejbiex ta' ħtija ma tkunx inħbiet u tibqa' intatta. Debituri tal-imputat għandhom ir-rimedji ċivili sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom. Kuntrarjament għall-każ in eżami, il-materji li għamlet referenza

għalihom l-attriċi ma jiddependux minn stħarriġ li jrid isir minn Qorti ta' kompetenza kriminali.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da